

Brussell, 22 ta' Novembru 2019
(OR. en)

14303/19

SAN 473
SOC 757
ECOFIN 1053
COMPET 754

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Tħejjija tas-sessjoni tal-Kunsill Impjegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarjiet tal-Konsumatur tad-9 ta' Diċembru 2019 Ekonomija tal-Benesseri - il-passi li jmiss fl-investiment fis-saħħa bħala l-komponent ewlieni tagħha <i>- Dibattitu ta' orjentazzjoni</i>

Id-delegazzjonijiet isibu nota mill-Prezidenza fl-Anness. Din in-nota hija maħsuba bħala bażi għad-dibattitu ta' orjentazzjoni dwar "Ekonomija tal-benesseri - il-passi li jmiss fl-investiment fis-saħħa bħala l-komponent ewlieni tagħha" li qed isir fis-sessjoni tal-Kunsill (EPSCO) skedat għad-9 ta' Diċembru 2019.

Ekonomija tal-Benesseri – il-passi li jmiss fl-investment fis-saħħa bħala l-komponent ewlieni tagħha

Fl-24 ta' Ottubru 2019, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta konkluzjonijiet¹ dwar l-Ekonomija tal-Benesseri bħala **l-approċċ orizzontali l-ġdid għat-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi, id-definizzjoni tal-prijoritajiet u l-governanza.**

Il-konklużjonijiet jissottolinjaw kif **l-Ekonomija tal-Benesseri tpoġġi lin-nies u l-benesseri tagħhom fil-qalba tal-politika u t-teħid ta' deċiżjonijiet u tqis il-benesseri tan-nies u t-tkabbir ekonomiku sostenibbli** bħala fatturi li jsaħħu lil xulxin minflok għanijiet kontradittorji. B'mod partikolari, dan jippresupponi kollaborazzjoni trasversali bejn oqsma differenti ta' politika bħas-saħħa, il-protezzjoni soċjali, l-impjegi, l-ugwaljanza bejn is-sessi, il-kompetittività, l-ambjent u l-edukazzjoni.

Is-saħħa hija determinant essenzjali u komponent tal-benesseri. L-impatt pożittiv ta' stat aħjar ta' saħħa fuq aspetti oħra li jikkontribwixxu għall-benesseri tal-bniedem – bħall-kisba edukattiva u l-parteciġazzjoni fis-suq tax-xogħol – u fuq iffrankar potenzjali għas-soċjetà, imur ferm lil hinn mill-effetti tiegħu fuq it-tkabbir tal-prodott domestiku gross. Kuntrarjament għal dan, in-nuqqas ta' saħħa jimponi piż sinifikanti fuq is-soċjetà u l-finanzi pubbliċi, flimkien mal-effetti negattivi tiegħu fuq l-individwu. Minn perspettiva ekonomika, **il-prevenzjoni ta' mard u l-promozzjoni tas-saħħa** huma modi aktar effettivi kif jiżdied il-benesseri mill-fejqaq tal-mard ladarba jseħħ.

L-implimentazzjoni tal-Ekonomija tal-Benesseri tibni fuq tkabbir sostenibbli bħala prerekwiżit għat-titjib tal-benesseri tan-nies, li mbagħad hu prerekwiżit għat-tkabbir sostenibbli. Politiki bħal dawn għandhom ikunu sostnuti minn riċerka u innovazzjoni mmexxija mid-data. L-Unjoni Ewropea għandha strumenti, bħall-programm Orizzont Ewropa, biex issaħħaħ il-bażi tal-għarfien għall-promozzjoni tal-benesseri.

¹ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Ekonomija tal-Benesseri adottati fit-24 ta' Ottubru 2019 (dokument 13432/19)

L-Ekonomija tal-Benesseri hija bbażata fuq valuri Ewropej ewlenin bħas-solidarjetà, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-protezzjoni soċjali, l-aċċess universali għall-kura, l-ugwaljanza bejn is-sessi, l-aċċess għall-edukazzjoni, u kondizzjonijiet sikuri tax-xogħol. L-iżgurar tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem u l-promozzjoni tal-benesseri tan-nies huma fost l-għanijiet fundamentali tal-UE, kif minqux fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (l-Artikoli 2 u 3).

Il-konklużjonijiet tal-Kunsill jindirizzaw diversi suġġetti importanti relatati mill-qrib mal-politika tas-saħħa. F'dan il-kuntest, il-Presidenza tixtieq tenfasizza b'mod partikolari s-saħħa mentali, it-tixjiħ b'saħħtu, u t-trasformazzjoni diġitali tas-servizzi tas-saħħa u dawk soċjali.

M'hemm l-ebda saħħa mingħajr saħħa mentali. Is-saħħa mentali hija waħda mill-prekundizzjonijiet fundamentali għall-benesseri. Azzjoni sistematika u orjentata lejn ir-riżultati biex jiġi indirizzat il-piż ta' mard mentali fil-livell nazzjonali u dak tal-UE tinkludi l-prevenzjoni, is-sejbien u t-trattament bikrija ta' diffikultajiet fit-tagħlim u disturbi tas-saħħa mentali, l-implimentazzjoni tal-aħjar Prattiki biex jiġu indirizzati r-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol, kif ukoll kooperazzjoni aħjar bejn setturi ta' politika differenti. Azzjoni bħal din għandha l-potenzjal li ġġib impatt pożittiv enormi fuq is-suq tax-xogħol u l-ekonomija.

Sabiex tinkiseb saħħa mentali tajba u benesseri għall-popolazzjoni kollha, mhuwiex biżżejjed li wieheh jikkonċentra biss fuq it-trattament ta' disturbi mentali, iżda huwa wkoll importanti li jiġi promoss b'mod attiv il-benesseri mentali fuq il-post tax-xogħol, fl-iskola u fl-edukazzjoni bikrija tat-tfal, u fil-komunitajiet kollha.

Saħħa mentali tajba ttejjeb il-kwalità tal-ħajja tan-nies f'kull età. Kull stadju tal-ħajja għandu l-faċilitaturi u l-problemi tas-saħħa mentali. Iżda tul il-ħajja, is-saħħa mentali tajba u l-iżvilupp tal-ħiliet tas-saħħa mentali jtejbu r-reżiljenza u l-adattament għar-ritmu dejjem aktar mgħaġġel tal-bidla li qed jiffaċċaw ix-xogħol u l-ħajja ta' kuljum, u għall-kumplessità tax-xejriet tax-xogħol.

Sar ħafna progress mill-1999 'l hawn, meta s-saħħa mentali tpoġġiet fuq l-aġenda tas-saħħa tal-UE² għall-ewwel darba. Minkejja l-progress li rriżulta , *inter alia*, mill-implimentazzjoni tal-Patt Ewropew għas-Saħħa u l-Benessri Mentali³, is-saħħa mentali qed issir waħda mill-isfidi tas-saħħa ewlenin fis-seklu 21, kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak globali. Il-bidliet fil-ħajja tax-xogħol fir-rigward tal-kontenut tax-xogħol, il-modi kif in-nies jaħdmu, u r-relazzjoni bejn min iħaddem u l-impjegati ser jintensifikaw din it-tendenza, filwaqt li jistabbilixxu talbiet speċifiċi għal ħliet soċjali, emozzjonali u konjittivi. B'konsegwenza ta' dawn il-bidliet, il-kapital uman organizzattiv qed isir dejjem aktar importanti fis-suq tax-xogħol, u saħħa mentali tajba tinsab fis-sisien tiegħu.

Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Ekonomija tal-Benesseri jiġbdu l-attenzjoni għan-neċessità tal-promozzjoni ta' saħħa mentali tajba u t-titjib tal-prevenzjoni, dijanjożi bikrija, it-trattament u t-tneħħija tal-istigma tad-disturbi mentali. Il-prijoritajiet ta' politika jistgħu jinkludu miżuri li jikkontribwixxu għall-promozzjoni tas-saħħa mentali, bħall-iżvilupp ta' dijanjostiċi u programmi ta' appoġġ aktar sistematiċi, il-promozzjoni tan-nondiskriminazzjoni fuq ix-xogħol u fl-edukazzjoni, u t-tnaqqis tal-istress fuq il-post tax-xogħol. Dawn itejbu l-ħajja ta' miljuni ta' Ewropej u jikkontribwixxu għal kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar, u b'hekk għal ekonomija aktar b'saħħitha.

Strateġija komprensiva u transsettorjali tal-UE dwar is-saħħa mentali ser tgħin biex tidderieġi l-politika fit-tul u azzjoni bbażata fuq l-evidenza tar-riċerka u l-valutazzjonijiet tal-impatt.

Definizzjoni tad-Deċennju ta' Tixjiħ b'Saħħtu. Il-lonġevità gejjja l-iktar mis-suċċess tal-mudell soċjali Ewropew: ħafna mard ingħeleb u l-protezzjoni soċjali naqqset il-faqar u l-inugwaljanzi. It-tixjiħ tal-popolazzjoni huwa konsegwenza ta' dan is-suċċess u marbut ma' bidliet demografiċi oħra.

² Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tas-saħħa mentali , adottata fit-18 ta' Novembru 1999, ĠU C 86, 24.3.2000, p. 1–2

³ Patt Ewropew għas-Saħħa u l-Benessri Mentali , 2008, https://ec.europa.eu/health/ph_determinants/life_style/mental/docs/pact_en.pdf

Il-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard, il-miżuri tas-saħħa pubblika, il-ġlieda kontra l-mard kbir, u avvanzi fil-kura tas-saħħa lkoll ikkontribwixxew għaż-żieda fl-istennija tal-għomor. Il-promozzjoni tat-tixjiħ attiv u b'saħħtu kienet prijorità fil-livell nazzjonali u Ewropew⁴, iżda issa teħtieġ tingħata aktar spinta. Il-promozzjoni tas-saħħa tul il-ħajja tikkontribwixxi għal-lonġevità iżda wkoll biex jitnaqqsu l-ispejjeż għall-kura.

Hemm ħtieġa urġenti li nħarsu lejn it-tixjiħ bħala aktar minn kwistjoni tas-sostenibbiltà tal-ekonomija nazzjonali. Il-lonġevità tipprovdi possibbiltajiet għas-suq tax-xogħol u għall-ekonomija iżda teħtieġ miżuri ta' appoġġ li jippermettu lin-nies kollha jagħtu kontribut attiv għas-soċjetà u l-ħajja tax-xogħol. Postijiet tax-xogħol sikuri u ħielsa mill-periklu jissarrfu f'ħajja tax-xogħol itwal u jipprevjenu l-mard, l-inċidenti u l-ispejjeż relatati max-xogħol.

It-tixjiħ jaffettwa lis-setturi kollha tas-soċjetà, bħall-kura tas-saħħa, is-sistemi tal-pensjoni, l-akkomodazzjoni, u s-swieq għal oġġetti u servizzi⁵. Ir-reazzjonijiet għat-tibdil demografiku jeħtieġ li jiġu mġedda f'firxa wiesgħa ta' politiki. L-għan komuni huwa li jiġu pprovduti politiki dwar it-tixjiħ li jippermettu ħajjiet attivi, b'saħħithom, inklużivi u indipendenti. Il-Presidenza tqis li l-isfidi ta' politika u l-opportunitajiet ta' tixjiħ għandhom jiġu indirizzati b'mod transsettorjali li jieħu kont kif xieraq tal-kwistjonijiet ta' ġenerazzjoni u ta' bejn is-sessi.

It-tixjiħ ma jaffettwax il-gruppi soċjoekonomiċi kollha bl-istess mod. Fil-fehma tal-Presidenza, l-inugwaljanzi fost il-popolazzjoni li qed tixjieħ jeħtieġ li jiġu indirizzati permezz tas-sistema tas-saħħa u s-servizzi soċjali iżda wkoll billi jiġu żgurati introjtu u pensjonijiet adegwati u jitnaqqas il-faqar.

Hemm varjetà wiesgħa ta' determinanti tas-saħħa li għandhom impatt fuq il-kapaċità tan-nies li jwettqu attivitajiet ta' kuljum matul ħajjithom. Jeħtieġ li l-miżuri jikkontribwixxu għall-promozzjoni tat-tixjiħ attiv u b'saħħtu u l-prevenzjoni ta' mard, l-appoġġ għat-tagħlim tul il-ħajja ta' ħiliet u kompetenzi relatati mal-ħajja tax-xogħol, l-għoti ta' setgħa lill-anzjani u t-trawwim ta' komunitajiet ta' appoġġ.

⁴ L-Ekonomija tal-Anzjani. Ħarsa Ġenerali tal-Attivitajiet tal-Kummissjoni Ewropea għall-2019, <https://silvereconomyforum.eu/wp-content/uploads/2019/07/Silver-Economy-Brochure.pdf>

⁵ Il-Forum ta' Livell Għoli dwar l-Ekonomija tal-Anzjani, Helsinki, mid-9 sal-10 ta' Lulju 2019, <https://silvereconomyforum.eu/>

L-innovazzjoni soċjali u diġitali għandha tintuża bis-siġħ biex jinstabu soluzzjonijiet għat-tibdil demografiku u jiġu garantiti riżorsi għal għajxien dinjituż⁶. Barra minn hekk, l-antiċipazzjoni tal-impatti futuri tal-bidliet demografiċi hija prerekwiżit ewlieni għal politiki ta' suċċess fis-setturi kollha.

Is-soċjetà diġitali hija ta' benefiċċju għall-benesseri tal-persuni. L-iżviluppi teknoloġiċi innovattivi, speċjalment id-diġitalizzazzjoni u l-intelliġenza artifiċjali, qed jibdlu l-mod kif il-benesseri tan-nies jista' jiġi promoss u kif jitwasslu s-servizzi tas-saħħa u dawk soċjali⁷. Dan għandu l-potenzjal li jżid il-kosteffettività, l-effiċjenza u l-kwalità tas-servizzi kif ukoll jiġġieled l-inugwaljanzi fl-aċċess u fl-eżiti. B'mod partikolari, jeħtieġ li l-professjonisti tas-saħħa jitħarrġu b'mod adegwat biex is-settur tas-saħħa jkun jista' jieħu vantaġġ siġħ mit-teknoloġiji l-ġodda.

Hemm potenzjal kbir għal aktar progress fil-promozzjoni tas-saħħa u l-indirizzar tal-isfidi tal-kura tas-saħħa permezz tad-diġitalizzazzjoni. Is-sistemi ta' informazzjoni diġitali huma kruċjali biex tinholq kura integrata. L-Istati Membri jistgħu jitgħallmu minn xulxin u jaħdmu flimkien biex joħolqu ekosistema interoperabbli għas-saħħa diġitali u programmi ta' investiment għall-infrastruttura diġitali fl-Ewropa⁸.

Minħabba li t-teknoloġija qed tiżviluppa malajr, huwa importanti li l-popolazzjoni kollha jkollha aċċess għal akkwist tul il-ħajja ta' ħiliet u kompetenzi kemm biex twieġeb għall-isfidi kif ukoll biex taħtaf l-opportunitajiet ta' diġitalizzazzjoni u forom ġodda ta' xogħol. Skont bosta studji, l-użu ta' għodod diġitali jiddependi fuq il-ħiliet u l-għarfien diġitali u mhux fuq l-età, iżda għandu jiġi indirizzat in-nuqqas ta' kompetenza diġitali fost l-anzjani u l-gruppi żvantaġġati.

L-aċċess tal-persuni għad-data personali u tas-saħħa tagħhom huwa element importanti tal-kura ffukata fuq il-pazjent. Sistemi diġitali mfassla tajjeb jkollhom sigurtà ppjanata u jsegwu regoli dwar il-protezzjoni tad-data u l-istandards etiċi rilevanti. Sistemi mfassla fuq dawn il-prinċipji jgħinu biex isir użu mill-potenzjal tad-data tas-saħħa u soċjali fis-saħħa pubblika, ir-riċerka u l-innovazzjoni.

⁶ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar tixjiħ b'saħħtu u dinjituż, adottati fit-30 ta' Novembru 2009 (dokument 15955/09)

⁷ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Saħħa fis-Soċjetà Diġitali – nagħmlu progress fl-innovazzjoni xprunata mid-data fil-qasam tas-saħħa, adottati fit-8 ta' Diċembru 2017 (dokument 14079/17)

⁸ Il-Linji Gwida tan-Netwerk tas-Saħħa elettronika 2019, https://ec.europa.eu/health/sites/health/files/ehealth/docs/ev_20190611_co922_en.pdf

Sabiex titħaffef il-ħidma attwali fuq l-iskambju transkonfinali ta' data dwar is-saħħa, il-Kummissjoni nediet l-idea ta' Spazju Ewropew għad-Data dwar is-Saħħa⁹. Dan jista' jispira ruħha mill-Infrastruttura ta' Servizz Diġitali tas-Saħħa-e għall-preskrizzjonijiet elettroniċi u s-sommarji tal-pazjenti, il-konsultazzjonijiet kliniċi dwar pazjenti b'mard rari taħt in-Netwerks ta' Referenza Ewropej, u l-kollaborazzjoni emerġenti dwar it-tqegħid flimkien ta' aktar minn miljun ġenoma sekwenzjati¹⁰, kif ukoll infrastrutturi oħra ta' riċerka li juru l-benefiċċji tal-qsim tad-data tas-saħħa. L-Ispazju Ewropew għad-Data dwar is-Saħħa jista' jkun appoġġat minn leġislazzjoni Ewropea u nazzjonali jew strumenti oħra li jimplementaw ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-data, is-sigurtà tad-data u prinċipji etiċi relatati fil-prattika, b'mod partikolari dwar l-użu sekondarju tad-data dwar is-saħħa u dik soċjali.

⁹ Ittra ta' missjoni lil Stella Kyriakides, Kummissarju nnominat għas-Saħħa, https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/mission-letter-stella-kyriakides_en.pdf

¹⁰ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-Trasformazzjoni Diġitali tal-Kura u tas-Saħħa (dokument 6451/18) <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=COM:2018:233:FIN>

Konklużjoni

L-Ekonomija tal-Benesseri tibni fuq il-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali kif ukoll fuq is-Saħħa fil-Politiki Kollha u fuq l-approċċi Saħħa Waħda, tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli globali, u tippromwovi l-kooperazzjoni intersettorjali u l-koordinazzjoni fil-livell nazzjonali u dak tal-UE. Il-konklużjonijiet reċenti tal-Kunsill ifittxu li jsaħħu r-rwol tal-politiki tal-impjiegi, soċjali, tas-saħħa u tal-edukazzjoni fil-proċess tas-Semestru Ewropew.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Presidenza tistieden lill-Kunsill jorganizza dibattitu ta' orjentazzjoni bbażat fuq il-mistoqsijiet li ġejjin:

1. Meta jkunu qed jiġu żviluppati miżuri konkreti biex isir avvanz fl-approċċ tal-Ekonomija tal-Benesseri, x'azzjonijiet huma meħtieġa biex ikun żgurat kontribut qawwi tal-politika tas-saħħa filwaqt li jitrawwem djalogu transsettorjali fil-livell tal-UE?
 - a) Aktar speċifikament, x'elementi kritiċi għandha tinkludi strateġija tal-UE għas-saħħa mentali biex tappoġġa bl-aħjar mod l-isforzi tal-Istati Membri?
 - b) Fil-kuntest tal-bidla demografika, x'tip ta' azzjonijiet għandhom jiddaħħlu fis-seħħ biex jiġi promoss it-tixjijih attiv u b'saħħtu, u biex jiġu mħeġġa politiki dwar ix-xjuħija bbażati fuqil- prevenzjoni l-antiċipazzjoni?

2. Meta tħarsu lejn is-snin li ġejjin, kif jistgħu l-Istati Membri u l-Kummissjoni jaħdmu għall-ħolqien ta' Spazju Ewropew għad-Data dwar is-Saħħa permezz ta' inizjattivi attwali u ġodda biex ikun jista' jsir użu aħjar tad-data dwar is-saħħa fil-kura, is-saħħa pubblika u r-riċerka għall-ġid ta' kulħadd?